SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

22 ta' Diċembru 2010 *

Fil-Kawża C-507/08,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 88(2) KE, imressaq fil-21 ta' Novembru 2008,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn C. Giolito u J. Javorský kif ukoll minn K. Walkerová, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Slovakka, irrappreżentata minn B. Ricziová, bħala aġent,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, K. Schiemann (Relatur), L. Bay Larsen, C. Toader u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Ġunju 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi naqset milli teżegwixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/254/KE, tas-7 ta' Ġunju 2006, dwar l-għajnuna mill-Istat C 25/05 (ex NN 21/05) mogħtija mir-Repubblika Slovakka favur Frucona Košice a.s.

(ĠU L 112, p. 14), ir-Repubblika Slovakka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 KE u tal-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni.

Il-kuntest ġuridiku

2 Il-premessa 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), tipprovdi kif ġej:

"Billi f'każijiet ta' għajnuna llegali li m'hijiex kompatibbli mas-suq komuni, għandha terġa titqajjem kompetizzjoni effettiva; billi għal dan il-għan huwa meħtieġ li l-għajnuna, li tinkludi l-imgħax, għandha tinġieb lura mingħajr dewmien; billi huwa xieraq li r-radd lura jsir f'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali; billi l-applikazzjoni ta' dawk il-proċeduri m'għandhomx, billi jipprevjenu l-esekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, timpedixxi l-qawmien mill-ġdid tal-kompetizzjoni effettiva; billi sabiex jinkiseb dan ir-riżultat, Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw l-effettività tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni".

3 L-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/1999 jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għall-ebda ordni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skond l-Artikolu [242 KE], ir-rkupru għandu jsir mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat, sakemm jippermettu għall-esekuzzjoni mmedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għal dan l-effett u fl-eventwalità ta' proċedura quddiem il-qrati nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma disponibbli

fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, li jinkludu miżuri proviżjonali, mingħajr preġudizzju għall-liġi tal-Komunità."

4 Skont l-Artikolu 23(1) tal-istess regolament:

"Fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jikkonformax mad-deċiżjonijiet kondizzjonali jew negattivi, b'mod partikolari f'każijiet imsemmija fl-Artikolu 14, il-Kummissjoni tista' tirreferi l-argument lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej direttament f'konformità ma' l-Artikolu [88(2) KE]."

Il-proċedura prekontenzjuża

5 Permezz tad-Deċiżjoni 2007/254, il-Kummissjoni kkonstatat li l-miżuri meħuda mir-Repubblika Slovakka favur Frucona Košice a.s. (iktar 'il quddiem "Frucona") kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u li din l-għajnuna ma kinitx kompatibbli mas-suq komuni.

6 Minn din id-deċiżjoni jirriżulta li, meta seħħew il-fatti, Frucona kienet topera fis-settur tal-produzzjoni tax-xorb alkoħoliku u tal-ispirti, ta' xorb mhux alkoħoliku, ta' frott u ta' ħaxix fil-laned kif ukoll ta' ħall. Il-miżura tal-Istat inkwistjoni kienet tikkonsisti fil-kanċellament ta' dejn fiskali mill-uffiċċju tat-taxxa lokali ta' Košice IV (iktar 'il quddiem l-"uffiċċju tat-taxxa") fil-kuntest ta' ftehim mal-krediturі, proċedura rregolata bil-Liġi Nru 328/91 dwar fallimenti u ftehim mal-krediturі. Minn din il-leġiżlazzjoni jirriżulta li, l-istess bħall-proċedura ta' falliment, il-ftehim mal-krediturі huwa intiż li jirregola s-sitwazzjoni finanzjarja ta' kumpannija midjuna, iżda li l-għan tiegħu huwa li jintlaħaq ftehim mal-krediturі fejn il-kumpannija tħallas parti mid-dejn

tagħha inkambju għall-kanċellament tal-kumplament tad-dejn. Il-ftehim irid jiġi approvat mill-qorti li tkun qiegħda tikkontrolla l-proċedura.

7 Fit-8 ta' Marzu 2004, Frucona ppreżentat applikazzjoni għall-ftehim mal-krediturі quddiem il-qorti reġjonali kompetenti, it-telf tagħha kien jinkludi b'mod partikolari dejn tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol. Wara li l-krediturі kienu vvutaw favur il-ftehim mal-krediturі, il-ftehim ġie kkonfermat mill-imsemmija qorti reġjonali fl-14 ta' Lulju 2004. Fl-iskadenza tat-terminu għal appell, id-deċiżjoni tagħha saret *res judicata*.

8 Il-ftehim li sar mal-krediturі kien jipprovdi li Frucona għandha tirrimborsa d-djun tagħha sa 35 % f'terminu ta' xahar, u l-krediturі jikkanċellaw il-kumplament, jiġifieri 65 %.

9 Is-somma totali li Frucona kienet dovuta lill-uffiċċju tat-taxxa kienet SKK 640 793 831 (jiġifieri EUR 16.86 miljun). Fil-kuntest tal-ftehim mal-krediturі, dan irkupra s-somma ta' SKK 224 277 841 (jiġifieri EUR 5.86 miljun), bir-riżultat li l-kreditu fiskali kkanċellat kien għalhekk jirrigwarda l-ammont ta' SKK 416 515 990 (jiġifieri EUR 11-il miljun).

10 Wara li ġie konkluż l-eżami tar-remissjoni tat-taxxa inkwistjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 88(2) KE, il-Kummissjoni kkonstatat li, permezz ta' din ir-remissjoni, ir-Repubblika Slovakka kienet allokat illegalment għajnuna lil Frucona, billi pprovdiet, fid-Deċiżjoni 2007/254, dan li ġej:

"*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat li r-Repubblika Slovakka allokat lil [Frucona], fl-ammont ta' [SKK] 416 515 990, hija inkompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

Ir-Repubblika Slovakka għandha tieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarja li ġiet allokata lilha illegalment kif imsemmi fl-Artikolu 1.

L-irkupru għandu jsir mingħajr dewmien u skont il-proċeduri stabbiliti taħt id-dritt nazzjonali sa fejn dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva ta' din id-deċiżjoni.

L-ammont li għandu jiġi rkuprat għandu jkollu imgħax b'effett mid-data li fiha ngħata lil [Frucona] sad-data meta dan jiġi effettivament irkuprat.

[…]

Artikolu 3

Ir-Repubblika Slovakka għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu sabiex teżegwixxi din id-deċiżjoni u dan fi żmien xahrejn min-notifika tagħha. [...]

[…] [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

11 Fit-12 ta' Jannar 2007, Frucona ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li issa saret il-Qorti Ġenerali) intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni (kawża Frucona Košice, T-11/07), iżda ma talbitx is-sospensjoni tagħha bħala miżura provviżorja. Ir-Repubblika Slovakka ma ppreżentatx rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni li ġiet innotifikata lilha fit-12 ta' Ġunju 2006.

12 Sabiex jeżegwixxi din id-deċiżjoni, fl-4 ta' Lulju 2006, l-uffiċċju tat-taxxa intima lil Frucona sabiex tirrimborsa l-għajnuna illegali flimkien mal-imgħax fi żmien tmint ijiem. Peress li Frucona naqset milli tissodisfa din l-ordni, l-uffiċċju tat-taxxa ressaq azzjoni għal irkupru quddiem il-qorti distrettwali ta' Košice II fil-21 ta' Lulju 2006.

13 Permezz tas-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2007, din tal-aħħar ċaħdet it-talba, u ddeċidiet li Frucona ma kellhiex l-obbligu tirrimborsa l-imsemmija għajnuna. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata b'sentenza tal-21 ta' April 2008 tal-qorti reġjonali ta' Košice, waħda mir-raġunijiet kienet għaliex ma kinitx possibbli li ssir reviżjoni tad-deċiżjoni tal-ftehim mal-kredituri li kienet saret *res judicata*.

14 B'ittra tat-2 ta' Lulju 2008, l-uffiċċju tat-taxxa talab lill-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Slovakka sabiex jippreżenta appell straordinarju kontra din id-deċiżjoni. Ir-Repubblika Slovakka ma ppreċiżatx b'mod ċar liema azzjoni kienet ittieħdet f'dan ir-rigward.

15 Matul il-proċedura ta' rkupru tal-għajnuna illegali, il-Kummissjoni insistiet fuq l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-Deċiżjoni 2007/254, u lmentat li l-awtoritajiet Slovakki, minflok ipproċedew bl-eżekuzzjoni tagħha mill-ewwel taħt id-dritt nazzjonali, iddeċidew li kien neċessarju li titressaq azzjoni għal irkupru quddiem il-qorti distrettwali.

16 F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Slovakki essenzjalment ippreżentaw żewġ argumenti prinċipali:

— il-proċeduri legali kienu indispensabbli sabiex tiġi rkuprata l-għajnuna, kemm issomma prinċipali kif ukoll l-interessi, peress li d-dritt Slovakk ma jipprovdix bażi legali sabiex jiġi rkuprat dejn dovut lill-awtoritajiet fiskali li kien ġie kkanċellat

fil-kuntest ta' ftehim mal-krediturі. Għaldaqstant kien neċessarju li jinkiseb titolu infurzabbli. Fi kliem ieħor, taħt id-dritt Slovakk, deċiżjoni amministrattiva ta' uffiċċju tat-taxxa ma tistax "tannulla" deċiżjoni tal-qorti responsabbli mill-kontroll tal-ftehim ta' Frucona mal-krediturі tagħha li tkun approvat il-ftehim konkluż bejniethom, deċiżjoni li tkun saret *res judicata*.

— id-Deċiżjoni 2007/254 ma kinitx torbot direttament lil Frucona, iżda kienet tordna lir-Repubblika Slovakka tadotta l-miżuri kollha neċessarji sabiex tirkupra l-għajnuna mogħtija illegalment. Din id-deċiżjoni, li kienet tikkostitwixxi deċiżjoni amministrattiva "barranija", ma ħolqitx obbligu fuq Frucona li tirrimborsa din l-għajnuna. Għaldaqstant, ma kienx possibbli li tali deċiżjoni tiġi nfurzata fuq livell nazzjonali.

17 Wara diversi skambji ta' korrispondenza u noti ta' tfakkir li saru wara l-iskadenza tat-terminu ta' xahrejn ipprovdut fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2007/254 għall-komunikazzjoni ta' miżuri meħuda għall-eżekuzzjoni tagħha, il-Kummissjoni, peress li qieset li r-Repubblika Slovakka kienet għadha ma wettqitx l-imsemmija eżekuzzjoni b'mod effettiv, iddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

18 Il-Kummissjoni ssostni li l-kanċellament ta' għajnuna illegali permezz ta' rkupru huwa l-konsegwenza loġika tal-konstatazzjoni tal-illegalità tagħha, filwaqt li tirreferi

għas-sentenzi tal-21 ta' Marzu 1990, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-142/87, Ġabra p. I-959, punt 66), u tal-21 ta' Marzu 1991, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-305/89, Ġabra p. I-1603, punt 41). L-Istat Membru destinatarju ta' deċiżjoni li tobbligah jirkupra għajnuna illegali għandu, skont l-Artikolu 249 KE, jieħu l-miżuri kollha sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, skont is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, (C-404/00 Ġabra p. I-6695, punt 21).

19 Madankollu, il-Kummissjoni tikkonstata li, fil-kawża prinċipali, wara iktar minn 29 xahar min-notifika tad-Deċiżjoni 2007/254, l-għajnuna mogħtija lil Frucona kienet għadha ma ġietx irkuprata. Konsegwentement, hija ssostni li r-Repubblika Slovakka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Deċiżjoni 2007/254 u l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/1999.

20 Skont il-Kummissjoni, il-fatt li l-amministrazzjoni fiskali ppreżentat azzjoni għal irkupru tal-ammont tal-għajnuna illegali, id-dewmien tal-proċeduri legali u l-kontenut tad-deċiżjoni tal-qorti distrettwali ta' Košice II u, sussegwentement, dik tal-qorti reġjonali ta' Košice, ipprekludew l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-Deċiżjoni 2007/254, minkejja li l-awtorità responsabbli mill-irkupru aġġixxiet skont id-dritt nazzjonali. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-awtoritajiet Slovakki ma ħadux inkunsiderazzjoni l-prinċipju tal-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju fil-każ ta' kunflitt ma' dispożizzjoni legali ta' Stat Membru.

21 Fir-rigward tal-fatt li d-deċiżjoni tal-qorti li approvat il-ftehim milħuq fil-kuntest tal-proċedura tal-ftehim mal-krediturі kienet saret *res judicata*, li tipprekludi, skont ir-Repubblika Slovakka, l-ikrupru tal-għajnuna allokata, il-Kummissjoni tinvoka s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini (C-119/05, Ġabra p. I-6199, punt 63), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt Komunitarju jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali intiża li tistabbilixxi l-prinċipju ta' *res judicata* sa fejn l-applikazzjoni tagħha tipprekludi l-irkupru ta' għajnuna tal-Istat mogħtija bi

ksur tad-dritt Komunitarju, u li l-inkompatibbiltà mas-suq komuni ġiet ikkonstatata permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li saret definittiva.

22 Skont il-Kummissjoni, is-soluzzjoni adottata fil-kawża inkwistjoni mill-qrati Slovakki wkoll tinjora l-għanijiet segwiti mir-regoli Komunitarji fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, li tipprekludi l-eżekuzzjoni effettiva tad-Deċiżjoni 2007/254 u l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni preċedenti, u għalhekk ittawwal il-vantaġġ kompetittiv indebitu li jirriżulta mill-għajnuna inkwistjoni, kif jidher mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Franza (C-232/05, Ġabra p. I-10071, punt 52).

23 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkritika l-aġir tal-awtoritajiet Slovakki mill-perspettiva tal-prinċipju ta' ekwivalenza, prinċipju li, bħall-prinċipju ta' effettività, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-awtonomija proċedurali rikonoxxuta lill-Istati Membri għall-eżekuzzjoni tad-dritt Komunitarju. Fil-fehma tagħha, il-prinċipju ta' ekwivalenza ma ttiħidx inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-fatt li d-Deċiżjoni 2007/254 ma kinitx infurzabbli bl-istess mod bħal pereżempju, l-avviżi ta' taxxa maħruġa mill-uffiċċju tat-taxxa.

24 Fil-kuntest tad-difiża tagħha, ir-Repubblika Slovakka ssostni li l-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 2(1) u (2) tad-Deċiżjoni 2007/254, b'mod partikolari mill-użu tat-terminu li jfisser "il-proċess ta' rkupru" ("vymáhanie" fil-verżjoni Slovakka) minflok it-terminu li jfisser "it-twettiq tal-irkupru" ("vymoženie" fil-verżjoni Franċiża), tindika li, kuntrarjament għall-interpretazzjoni li tipproponi l-Kummissjoni, jista' jiġi dedott obbligu għar-Repubblika Slovakka li effettivament tirkupra l-għajnuna fit-terminu stabbilit. L-uniku obbligu li jirriżulta minn dan huwa dak li jiġu adottati l-miżuri kollha neċessarji fit-terminu stabbilit sabiex jiġi rkuprat l-ammont tal-għajnuna kkonċernata.

25 Ir-Repubblika Slovakka ssostni li fil-fatt ħadet diversi miżuri sabiex tirkupra immedjatament u effettivament din l-għajnuna, b'mod partikolari, billi intimat lil

Frucona tirrimborsaha u sussegwentement billi ordnatilha tirrimborsaha permezz ta' proċeduri legali. Barra min hekk, hija sostniet ukoll, fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tagħha, li d-Deċiżjoni 2007/254 kienet għadha ma saritx definittiva, peress li kienet ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' proċedura li għadha pendenti.

26 Konsegwentement, ir-Repubblika Slovakka tqis li kkonformat ruħha mad-Deċiżjoni 2007/254 u mar-rekwiżiti tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/1999.

27 Ir-Repubblika Slovakka tinsisti wkoll dwar il-fatt li l-għoti ta' għajnuna mill-Istat lil Frucona fil-kuntest tal-ftehim mal-krediturі ġie awtorizzat b'deċiżjoni tal-qorti responsabbli mill-kontroll tagħha, deċiżjoni li, wara li tkun saret *res judicata*, ma tistax tistax tiġi annullata mill-uffiċċju tat-taxxa, li huwa korp amministrattiv. Hija ssostni li d-dritt Komunitarju ma jeżiġix li tali korp amministrattiv ikun marbut jannulla d-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali li jkunu saru *res judicata*.

28 Barra minn hekk, ir-Repubblika Slovakka tqis li s-sentenza Lucchini, iċċitata iktar 'il fuq, ma hijiex rilevanti fil-kawża inkwistjoni. Fil-fatt, b'differenza għad-deċiżjoni tal-qorti Taljana inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, id-deċiżjoni tal-qorti reġjonali tal-14 ta' Lulju 2004 kienet saret *res judicata*, wara l-iskadenza tat-termini legali li fihom seta' jiġi ppreżentat appell skont id-dritt proċedurali nazzjonali, qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2007/254. Barra minn hekk, l-imsemmija sentenza ngħatat wara li r-Repubblika Slovakka kienet bdiet tieħu passi sabiex tirkupra l-ammont tal-għajnuna ineżami, permezz ta' proċeduri legali.

29 Il-preżentata ta' azzjoni għal irkupru kontra Frucona quddiem qorti nazzjonali għalhekk kienet il-mezz xieraq li kellu jittieħed, li jissodisfa r-rekwiżit li l-irkupru jkun immedjat u effettiv.

30 Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi li r-Repubblika Slovakka ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' ekwivalenza, din tal-aħħar issostni li, peress li d-Deċiżjoni 2007/254 ma kinitx direttament infurzabbli, ir-Repubblika Slovakka ma kinitx marbuta tirrikonoxxi l-applikabbiltà diretta tagħha, ħlief jekk tiġi eskluża l-awtonomija proċedurali li jgawdu l-Istati Membri fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 88(2) KE.

31 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' ekwivalenza ġie żviluppat fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi, u mhux fil-qasam li jikkonċerna esklużivament l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-Komunità Ewropea, li minnha jirriżultaw id-deċiżjonijiet tal-Komunità meħuda skont l-Artikolu 88(2) KE.

32 Il-Kummissjoni tikkontesta fir-replika tagħha l-interpretazzjoni litterali tad-Deċiżjoni 2007/254 proposta mir-Repubblika Slovakka. Skont il-Kummissjoni, din id-deċiżjoni tinkludi l-obbligu għal dan l-Istat Membru li jikseb konkretament il-ħlas lura tal-għajnuna tal-Istat illegali, u mhux sempliċement li jibda proċess ta' rkupru f'terminu ta' xahrejn stabbilit fl-Artikolu 3 tagħha, li jikkorrispondi mal-prinċipju li jipprovdi li l-proċeduri tad-dritt nazzjonali mibdija minn Stat Membru sabiex jeżegwixxu deċiżjonijiet għandhom jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tagħhom.

33 L-unika eċċezzjoni tal-obbligu ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni hija l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li jagħmluha assolutament impossibbli għall-Istat Membru li jimplementa l-imsemmija deċiżjoni korrettament. Madankollu, f'dan il-każ, ir-Repubblika Slovakka qatt ma invokat tali ċirkustanzi.

34 Barra minn hekk, filwaqt li tirreferi għas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-404/97, Ġabra p. I-4897, punt 55), il-Kummissjoni ssostni li, għalkemm id-dritt Komunitarju ma jiddeterminax il-proċedura li għandha

tiġi segwita mill-Istat Membru kkonċernat sabiex jeżegwixxi deċiżjoni li tordna l-irkupru ta' għajnuna illegali skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/1999, dan l-irkupru għandu jseħħ, fil-prinċipju, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali, u madankollu tali dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati b'mod li ma jkunx prattikament impossibbli li jsir l-irkupru meħtieġ mid-dritt Komunitarju u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ l-interessi tal-Komunità.

35 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li, minkejja li ma għandha ebda intenzjoni li timponi fuq ir-Repubblika Slovakka l-metodu ta' kif għandha tiġi rkuprata l-għajnuna inkwistjoni, il-proċedura magħżula mir-Repubblika Slovakka ma tissodisfax ir-rekwiżit li l-għajnuna tiġi rkuprata immedjatament u effettivament, peress li 29 xahar wara n-notifika tad-Deċiżjoni 2007/254, dan l-irkupru kien għadu ma sarx.

36 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Slovakka, il-Kummissjoni ma talbitx li l-uffiċċju tat-taxxa jannulla deċiżjoni ġudizzjarja definittiva, iżda kienet issuġġerixxiet li l-awtorità kompetenti għandha, bħala waħda mill-proċeduri possibbli għall-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2007/254, tirtira l-għoti tal-għajnuna illegali, ħaġa li hija konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija sostniet ukoll li din il-ġurisprudenza timponi lill-qrati nazzjonali kompetenti ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jmorru kontra d-dritt Komunitarju.

37 Il-Kummissjoni tfakkar li l-prinċipju tas-supremazija tad-dritt Komunitarju għandu jkollu preċedenza fuq kull miżura nazzjonali, kemm jekk il-miżura kkonċernata hija amministrattiva jew leġiżlattiva anki jekk hija tkun deċiżjoni finali, kif jidher minn Lucchini, iċċitata iktar 'il fuq. Il-fatt li din is-sentenza ngħatat wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja li approvat l-għajnuna mill-Istat allokata lil Frucona ma huwiex determinanti, peress li l-imsemmija sentenza sempliċement tinterpreta d-dritt fis-seħħ kif għandu jiġi applikat.

38 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkontesta d-dikjarazzjoni tar-Repubblika Slovakka li tipprovdi li l-prinċipju ta' ekwivalenza ma japplikax fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta'

deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u ssostni li l-awtonomija proċedurali tal-Istat Membru hija limitata mill-prinċipju ġenerali ta' effettività. Fin-nuqqas ta' dan, l-obbligu ta' rkupru jitlef kull sens u jkun impossibbli li tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju.

39 Ir-Repubblika Slovakka, min-naħa tagħha, tikkontesta d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi li l-awtoritajiet Slovakki kompetenti ma għandhomx sempliċement jillimitaw ruħhom li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji għall-irkupru tal-għajnuna, iżda għandhom effettivament jirkuprawha. Hija tqis li hija kkonformat ruħha kompletament mal-obbligi li jirriżultaw mill-verżjoni Slovakka tad-Deċiżjoni 2007/254, li hija l-unika verżjoni awtentika.

40 Barra minn hekk, ir-Repubblika Slovakka tkompli ssostni li l-awtoritajiet fiskali ma setgħux jannullaw deċiżjoni ġudizzjarja u tqis li l-awtoritajiet fiskali implementaw l-uniku metodu possibbli għall-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

41 Qabel ma jsir eżami tan-nuqqas imputat lir-Repubblika Slovakka fir-rigward tal-obbligu ta' eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2007/254, għandhom jitfakkru ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam.

42 It-tneħħija ta' għajnuna illegali permezz ta' rkupru hija l-konsegwenza loġika tal-konstatazzjoni tal-illegalità tagħha u din il-konsegwenza ma tistax tiddependi fuq il-forma li fiha ngħatat l-għajnuna (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Ġunju 1993, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-183/91, Ġabra p. I-3131, punt 16; u Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

43 Fil-każ ta' deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna illegali, l-irkupru ta' din l-għajnuna, ordnat mill-Kummissjoni, iseħħ skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999. L-uniku difiża li tista' tiġi invokata minn Stat Membru fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 88(2) KE hija dik ibbażata fuq l-impossibbiltà assoluta li d-deċiżjoni ta' rkupru tiġi implementata korrettament (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Franza, C-214/07, Ġabra p. I-8357, punti 43 u 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fil-każ ta' diffikultà ta' eżekuzzjoni, il-Kummissjoni u l-Istat Membru għandhom, skont ir-regola li timponi obbligu reċiproku ta' kooperazzjoni leali fuq l-Istati Membri u fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li fuqha huwa bbażat, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(3) FEU, jikkollaboraw in *bona fede* sabiex jegħlbu dawn id-diffikultajiet f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari, ma' dawk dwar l-għajnuna mill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Fil-kawża preżenti, għandu jiġi kkonstatat mill-bidu li, fil-mument tal-preżentata, mill-Kummissjoni, tar-rikors preżenti, jiġifieri 29 xahar wara n-notifika tad-Deċiżjoni 2007/254, ebda somma ma kienet għadha ġiet irkuprata mingħand Frucona. Ir-Repubblika Slovakka ma tikkontestax dan il-fatt u, barra minn hekk, ma tinvoka ebda impossibbiltà assoluta li tiġi implementata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

46 Fir-rigward taċ-ċirkustanzi li tippreżenta r-Repubblika Slovakka sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2007/254, u għalhekk, in-nuqqas ta' rkupru tal-għajnuna illegali mogħtija lil Frucona, l-argument tagħha jinkludi essenzjalment żewġ partijiet.

47 Fl-ewwel lok, fl-osservazzjonijiet bil-miktub, hija tippreżenta interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 2007/254 u tibbaża ruħha f'dan ir-rigward fuq l-użu,

fil-verżjoni Slovakka ta' tali deċiżjoni, tat-terminu li jfisser "il-proċess tal-irkupru" minflok it-terminu li jfisser "it-twettiq tal-irkupru", li, skontha, jimplika sempliċement obbligu li jittieħdu diversi passi sabiex tiġi rkuprata l-għajnuna illegali, mingħajr madankollu ma tkun marbuta tirkupraha effettivament.

48 Għandu jiġi rrilevat li tali interpretazzjoni tat-termini tad-Deċiżjoni 2007/254 ma tiħux inkunsiderazzjoni l-portata vera ta' dik id-deċiżjoni. Fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u fid-dawl, b'mod partikolari, tal-premessa 13 u tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/1999, jidher b'mod ċar, kif issostni l-Kummissjoni, li l-finalità tad-Deċiżjoni 2007/254 hija l-istabbiliment mill-ġdid ta' kompetizzjoni effettiva, b'mod li din id-deċiżjoni teżiġi li l-Istat Membru destinatarju jikseb, mingħajr dewmien, l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat illegali. Għalhekk, l-interpretazzjoni litterali li tagħmel ir-Repubblika Slovakka tat-termini tal-imsemmija deċiżjoni ma tistax tiġi aċċettata.

49 Fit-tieni lok, il-pożizzjoni tar-Repubblika Slovakka hija bbażata fuq l-argument li jipprovdi li l-proċeduri legali mibdija l-ewwel mill-uffiċċju tat-taxxa quddiem il-qorti distrettwali ta' Košice II u sussegwentement quddiem il-qorti reġjonali ta' Košice għall-finijiet tal-irkupru tal-għajnuna mill-Istat mogħtija lil Frucona kienu inevitabbli peress li l-ftehim mal-krediturі, awtorizzat b'deċiżjoni tal-qorti kompetenti li kienet saret *res judicata*, ma setax jiġi annullat mill-uffiċċju tat-taxxa, li huwa korp amministrattiv.

50 F'dan ir-rigward, għandu qabel xejn jitfakkar li, skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/99, l-irkupru ta' għajnuna illegali impost minn deċiżjoni tal-Kummissjoni għandu jitwettaq mingħajr dewmien u skont il-proċeduri previsti mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn dawn tal-aħħar jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tal-imsemmija deċiżjoni.

51 Għalhekk, Stat Membru li, skont tali deċiżjoni tal-Kummissjoni, huwa obbligat jirkupra għajnuna illegali, huwa liberu li jagħżel il-mezzi li bihom iwettaq dan l-obbligu, sakemm il-miżuri magħżula ma jikkawżawx dannu għall-portata u għall-effettività tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-209/00, Ġabra p. I-11695, punt 34, kif ukoll tal-20 ta' Mejju 2010, Scott u Kimberly Clark, C-210/09, Ġabra p. I-4613, punt 21).

52 Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni jimponi obbligu li jittieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jeżiġu l-irkupru ta' għajnuna illegali filwaqt li josservaw il-karatteristiċi partikolari tal-proċeduri differenti li huma previsti mill-Istati Membri f'dan ir-rigward. Għandu jiġi enfasizzat li huwa konformi ma' dan id-dritt li, fil-kuntest tar-rikors preżenti, il-Kummissjoni sostniet li ma għandha ebda intenzjoni li timponi lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Slovakka l-mod preċiż kif l-għajnuna illegali allokata lil Frucona kellha tiġi rkuprata, iżda li qieset li l-proċedura implementata għal dan il-għan ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' rkupru immedjat u effettiv ta' din l-għajnuna.

53 Il-fatt li, wara d-Deċiżjoni 2007/254, l-uffiċċju tat-taxxa ħa passi sabiex jirkupra l-għajnuna illegali permezz ta' proċeduri legali ma jistax għalhekk fih innifsu jkun ikkritikat, peress li Stat Membru huwa liberu, kif intqal iktar 'il fuq, li jagħżel il-mezzi li permezz tagħhom huwa ser jimplementa l-obbligu ta' rkupru impost fuqu.

54 Madankollu, fil-kawża preżenti, il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti Slovakki ma wasslux għall-irkupru tal-għajnuna illegali u għalhekk il-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni ma ġewx stabbiliti mill-ġdid. L-ostakolu prinċipali għal dan l-irkupru kien ir-rifjut, l-ewwel mill-qorti distrettwali ta' Košice II u, sussegwentement, mill-qorti reġjonali ta' Košice, li jilqgħu l-azzjoni għal irkupru mressqa mill-uffiċċju

tat-taxxa, fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni tal-qorti kompetenti tal-14 ta' Lulju 2004 li approvat il-ftehim mal-krediturі kienet saret *res judicata*.

55 Għalhekk, il-kwistjoni mqajma fil-kawża preżenti hija jekk in-natura definittiva ta' sentenza ta' qorti ġurisdizzjonali nazzjonali, li permezz tagħha jkun ġie approvat, fil-kuntest ta' proċedura ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja, ftehim mal-krediturі li minnu jirriżulta kanċellament parzjali ta' dejn pubbliku, liema kanċellament huwa sussegwentement ikklassifikat mill-Kummissjoni bħala għajnuna mill-Istat, tistax tostakola l-irkupru ta' din l-għajnuna.

56 F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel nett jiġi enfasizzat li s-sitwazzjoni inkwistjoni hawnhekk hija differenti mill-kawża li tat lok għas-sentenza Lucchini, li bbażat ruħha fuqha l-Kummissjoni, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali intiża li tistabbilixxi l-prinċipju ta' *res judicata* sa fejn l-applikazzjoni tagħha tostakola l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat mogħtija bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u li l-inkompatibbiltà tagħha mas-suq komuni ġiet ikkonstatata permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li saret definittiva (ara l-punt 63 tal-imsemmija sentenza Lucchini).

57 Fil-fatt, fil-kawża preżenti, id-deċiżjoni ġurisdizzjonali li saret *res judicata* u li bbażat ruħha fuqha r-Repubblika Slovakka tippreċedi d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni imponiet l-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni.

58 Konsegwentement, kif issostni r-Repubblika Slovakka, is-sentenza Lucchini, iċċitata iktar 'il fuq, ma tistax tkun direttament rilevanti fil-kawża preżenti.

59 Fit-tieni lok, għandha titfakkar l-importanza li għandu l-prinċipju ta' *res judicata*, kemm fis-sistema legali tal-Unjoni kif ukoll fis-sistemi legali nazzjonali. Fil-fatt, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tal-liġi u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll

l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa essenzjali li, deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ntużaw il-mezzi kollha disponibbli għal appell jew wara li jkunu skadew it-termini previsti għal dawn il-mezzi ta' appell, ma jkunux jistgħu jiġu kkonstestati iktar (sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler, C-224/01, Ġabra p. I-10239, punt 38, u tas-16 ta' Marzu 2006, Kapferer, C-234/04, Ġabra p. I-2585, punt 20, u tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub, C-2/08, Ġabra p. I-7501, punt 22).

60 Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax ir-regoli interni tal-proċedura li jikkonferixxu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni, anki jekk li kieku jsir hekk, dan jippermetti li jiġi rimedjat ksur tad-dritt tal-Unjoni mid-deċiżjoni inkwistjoni (ara s-sentenza Kapferer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21 u Fallimento Olimpiclub, punt 23).

61 Kif isostni l-Avukat Ġenerali fil-konklużjonijiet tiegħu, kemm mill-proċess kif ukoll mill-osservazzjonijiet ippreżentati waqt is-seduta mir-Repubblika Slovakka jirriżulta li, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru għandhom, skont id-dritt nazzjonali, il-mezzi li, jekk jintużaw b'mod diliġenti, jistgħu jagħtu l-possibbiltà lill-imsemmi Stat Membru l-possibbiltà li jirkupra l-għajnuna inkwistjoni.

62 Madankollu, ir-Repubblika Slovakka ma pprovdietx informazzjoni preċiża dwar il-kundizzjonijiet li fihom l-imsemmija awtoritajiet għamlu użu mill-mezzi disponibbli għalihom.

63 B'mod partikolari, kif ġie rrilevat fil-punt 14 tas-sentenza preżenti, dan l-Istat Membru ma ppreċiżax b'mod ċar liema azzjoni ttieħdet bħala risposta għat-talba tal-uffiċċju tat-taxxa dwar il-fatt li jiġi ppreżentat appell straordinarju kontra s-sentenza tal-qorti reġjonali ta' Košice tal-21 ta' April 2008.

64 Għalhekk, il-Qorti għandha tikkonstata li, fid-dawl tal-kritika speċifika tal-Kummissjoni, ir-Repubblika Slovakka ma ppreżentatx biżżejjed elementi li jippermettu li jiġi kkunsidrat li, fit-terminu previst, hija ħadet il-passi kollha li kienu possibbli li jiġu implementati minnha sabiex tikseb ir-rimbors tal-għajnuna inkwistjoni.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri kollha neċessarji sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarja tagħha l-għajnuna illegali koperta mid-Deċiżjoni 2007/254, ir-Repubblika Slovakka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 u l-Artikoli 2 tal-imsemmija deċiżjoni.

Fuq l-ispejjeż

66 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li li r-Repubblika Slovakka tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi li:

1) **Billi ma ħaditx, fit-terminu previst, il-miżuri kollha neċessarji sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarja tagħha l-għajnuna illegali koperta mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/254/KE, tas-7 ta' Ġunju 2006, dwar l-għajnuna mill-Istat C 25/05 (ex NN 21/05) mogħtija mir-Repubblika Slovakka favur Frucona**

Košice a.s., ir-Repubblika Slovakka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 u l-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni.

2) Ir-Repubblika Slovakka hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem